**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

# Livelli 4-5 (CCP)

**L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI** | **IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem u l-Kunjom:** ______________________________ **Il-Klassi:** _______

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

| Assessjar formattiv | Taħdit u Smigħ | Qari | Kitba | Letteratura | Proġett | Fehim mis-Smigħ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 10 | 60 |
| | | | | | | | |

| Assessjar summattiv | Fehim mill-qari | Grammatika | Kitba Funzjonali | Kitba Libera | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | 10 | 10 | 10 | 10 | 40 |
| | | | | | |

| Total aħħari |
|---|
| 100 |
| |

## A. TAĦRIĠ IL-FEHEM — 10 marki

**Aqra l-istorja li ġejja. Wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Pjerinu fil-laboratorju**



Pjerinu mar għall-ewwel darba ma' sħabu fil-laboratorju. Ara x'ferħ u gost ħadu t-tfal! Bdew jaraw it-tubi, il-kaxxi u affarijiet oħra tal-esperimenti. Ma damx ma daħal l-għalliem biex juri esperiment ġdid lill-istudenti. (par. 1)



L-għalliem ħareġ kaxxa u minnha qabeż nemlu kbir idur fuq il-ħġieġa tal-mejda. Fil-pront l-għalliem infaqa' jibki bil-ferħ, għax in-nemlu ħareġ jiżfen. It-tfal aktar skantaw bl-għalliem meta rawh jibdel wiċċu. (par. 2)

Pjerinu ħaseb: "Dak żgur qed jibża' min-nemlu li jtir fuqu." Mar bil-mod minn wara l-għalliem u b'daqqa ta' pala ta' idu, għaffeġ in-nemlu mal-ħġieġa. **Wiċċ l-għalliem sfar** u bħal wieħed miġnun għajjat: "Le... Dak in-nemlu ili ngħallmu s-snin biex joħroġ jiżfen..." (par. 3)



M'għandna qatt immissu affarijiet jekk ma nkunux nafx x'inhuma jew kif għandna nużawhom. Żomm dejjem f'moħħok: fil-laboratorju nofs l-affarijiet huma fraġli ħafna u jinkisru, in-nofs l-ieħor huma perikolużi! (par. 4)

**1. Immarka veru jew falz:**

a) Pjerinu kien ilu jmur ma' sħabu fil-laboratorju. *(par.1)*

Veru ☐ Falz ☐ *(marka)*

b) *Par. 3* – "**Wiċċ l-għalliem sfar**" turi li l-għalliem inkwieta u beda jħossu ħażin.

Veru ☐ Falz ☐ *(marka)*



**2. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li qrajt.**

a) Fejn ġrat din l-istorja?

_______________________________________________ *(marka)*

b) Xi bdew jaraw l-istudenti hemmhekk? *Par.1*

_______________________________________________ *(marka)*

ċ) Għaliex l-għalliem beda jibki xħin ra nemlu? *Par.2*

_______________________________________________ *(marka)*

d) X'għamel Pjerinu meta ra lill-għalliem jibki? *Par.3*

_______________________________________________ *(marka)*

e) X'qal l-għalliem wara li ra l-esperiment jispiċċa fix-xejn? *Par.3*

_______________________________________________ *(marka)*

f) X'tagħlima nieħdu minn din il-ġrajja? *Par.4*

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ *(3 marki)*

## B. IL-GRAMMATIKA 10 marki

**1. Qabbel l-istampa man-numru fit-tisliba u wara imla l-vojt biex tifforma l-kelma t-tajba. (4 marki)**

**Nota: L-<u>ie</u> tkun f'kaxxa waħda.**

1


2

3


4



5




**2. Ifred il-konsonanti mill-vokali. (4 marki)**

| | | |
|---|---|---|
| rota | r,t | o,a |
| raġel | | |
| qattusa | | |
| żmien | | |
| poeta | | |

**3. Ikteb l-artiklu quddiem il-kelmiet. (2 marki)**



____ arloġġ



____ siġġu




___ bolla



___ stilla

**Ċ. IL-KITBA FUNZJONALI** **10 marki**

**1. Dan id-DJALOGU fih xi kliem nieqes. Agħżel il-kliem mill-kaxxa t'hawn taħt u imla l-vojt.** ***5 marki***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **lejla** | **platt** | **zalza** | **Iva** | **tixrob** | **Flixkun** |
| **fenek** | **tiekol** | | **msajjar** | | **żewġ** |

Wejter: Il-____________ t-tajba sinjur. X'se__________________?

Sur Borg: Il-lejla t-tajba. Xi platti tal-ġurnata għandkom?

Wejter: Bħala l-ewwel ______________ għandna l-insalata bil-ġbejniet, bigilla u tadam imqadded u bħala platt prinċipali għandna l-isuffat tal-_________________.

Sur Borg: Tista' tgħidli kif inhu ______________ l-istuffat tal-fenek jekk jogħġbok?

Wejter: __________, mela le. Il-fenek imsajjar bil-basal, it-tewm, iz-________________ tat-tadam u l-inbid.

Sur Borg: Jinstema' tajjeb ħafna. Nieħu dawn iż-____________ platti mela.

Wejter: X'tixtieq _________________?

Sur Borg: _________________ ilma kbir.

Wejter: Tajjeb ħafna.

Sur Borg: Grazzi ħafna.

**2. Semmi ħames oġġetti fl-istampa, iktibhom u mmarkahom bi vleġġa. Ara l-eżempju.** ***5 marki***

| | | |
|---|---|---|
| | | għolja |



| | | |
|---|---|---|
| | | |

## D. IL-KITBA KREATTIVA 10 marki

**Ikteb għaxar (10) sentenzi biex toħloq storja bl-isem ta':**

**KONT WAĦDI D-DAR U ĦABBAT IL-BIEB. L-istampi u l-kliem huma ta' għajnuna.**

**KONT WAĦDI D-DAR U ĦABBAT IL-BIEB**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
|  |  |  |  |  |
| X'kont tagħmel xħin ħabbat? Min ħsibt li kien? | Min kien? Kemm kont ilek ma tarah? Minn fejn ġie? | X'ġablek minn hemm? Rajt ritratti? | Min ġie jarah ukoll? X'qal dwar il-pajjiż? | Ma' min kiel? Fejn qatta' l-ġranet tiegħu? |

**- Tmiem il-Karta -**